A.L. 16 ta' l-1994

ORDINANZA DWAR IL-KUMMISSARJU TA' L-ARTIJIET (KAP. 169)

Ordni ta' l-1994 dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet (Trasferiment ta' Drittijiet u Responsabbiltajiet)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:—

Titolu.

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1994 dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet (Trasferiment ta' Drittijiet u Responsabbiltajiet).

Art speċifikata.

2. L-art deskritta fl-artiklu 4 ta' dan l-ordni hi b'dan speċifikata għall-finijiet tal-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet.

3. Id-drittijiet u r-responsabbiltajiet rigward l-art speċifikata fl-artiklu 2 ta' dan l-ordni għandhom b'seħħ mill-1 ta' Jannar, 1992 jitwettqu mill-Korporazzjoni għal Żvilupp ta' Malta kif provdut fl-imsemmi artiklu.

Deskrizzjoni.

4. L-art imsemmija fl-artiklu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jiġifieri:

(a) Biċċa art f'Ħal Safi flimkien mal-bini hemmhekk mibni li tidher delineata bl-aħmar fuq il-pjanta L.D. 177/93, liema pjanta hija transunta fl-atti tan-Nutar Vincent Miceli pemezz ta' l-att datat 13 ta' Ottubru, 1993.

(b) Biċċa art fix-Xewkija, Għawdex flimkien mal-bini hemmhekk mibni li tidher delineata bl-aħmar fuq il-pjanta L.D. 205/93, liema pjanta hija transunta fl-atti tan-Nutar Vincent Miceli permezz ta' l-att datat 24 ta' Novembru, 1993.